MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2747/2002

***Vodafone Malta Limited***

***vs***

***Brian Debono***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm420.93) rappresentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni mal-*mobile phones* bin-numru 99468349 u 99876865.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghaxijiet mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Michael Grech ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u ghoxrin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm420.93), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat ma’ l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------